# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 22 ta' Jannar, 2024.

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 24/2003/1 ISB**

**Dr Andrew Borg Cardona bħala stralċjarju għan-nom u in rappreżentanza ta' 'Priceclub Operators Limited'**

**Vs**

**Priceclub (Holdings) Limited u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Mejju 2003, ġew kjamati in kawża Victor Zammit, Christopher Gauci, Wallace Fino, Biochemicals International Limited u 2000 Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpanija Priceclub (Holdings) Limited (C22703) kienet dikjarata xjolta mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru 2007, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istralċjarju li in segwitu għall-provvediment ta' srtalċ minkejja li ma nżammewx seduti sabiex il-Qorti tingħata informazzjoni dwar l-andament tal-istralċ tas-soċjetà intimata, madanakollu l-istralċjarju wettaq l-inkarigu tiegħu skont il-liġi.

Rat ir-rikors tal-istralcarju tat-30 ta' Awwissu 2023, degretat fis-27 ta' Settembru 2023 sabiex il-proceduri ta' stralċ reġgħu tpoġġew fuq il-lista tal-Qorti għall-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2023.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-istralċjarju li l-likwidazzjoni tas-soċjetà intimata llum ġiet effettivament konkluża, b'dan illi jirriżulta ċar illi Price Club (Holdings) Limited m'għandhiex assi stante illi anke jekk kien hemm xi assi, dawn ġew assorbiti minn Price Club Operators Limited fil-kors tal-likwidazzjoni tal-istess.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtiġijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċjarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpanija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

2. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpaniji avviż tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

3. **Tordna** li l-isem tal-kumpanija Price Club (Holdings) Limited (C22703) jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mil-lum.

4. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanija Priceclub (Holdings) Limited (C22703).

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iħares dik l-ordni.

6. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom

jitħallsu mis-soċjetà rikorrenti, flimkien mal-intimati *in solidum* u dana stante li l-kumpanija m'għandhiex attiv biżżejjed sabiex jitħallsu l-ispejjeż.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**